276

7 ta' Settembru 2021

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
-9 SEP 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/3309/17* |
| *Lokazzjoni:* | *Ir-Razzett ta' Marozz, Triq ta' Cordina, Ghajnsielem, Gozo* |
| *Proposta:* | To sanction change of use from agricultural store to farm dwelling for full-time farmer, sanctioning of extension to dwelling; sanctioning of roofing of yard for tractors and equipment and sanctioning of concrete flooring for yard and wall |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Ricardo Attard**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellanti Ricardo Attard tesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2017, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 3309/17.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fit- 18 ta' Ottubru 2017, l-istess Kummissjoni kienet approvat il-permess bil-kundizzjoni numru 4 li kienet tipprovdi

"A public deed under the terms of Article 79 of the Development Planning Act, 2016 is applicable to ensure that the farmer's dwelling is tied to the

agricultural activity. A copy of this deed shall be notified to the Public Registry, failing which, the permit will be considered null and void unless such period is extended in agreement with the Planning Authority."

III) Illi l-applikant kien inghata terminu sabiex dan seta jsir, izda l-applikant ghadu mhux f' posizzjoni li jaghmel dan stante li t-talba tieghu ghada pendenti ghand l-Awtorita ta' l-Artijiet.

IV) Illi minkejja dan, permezz ta' decizjoni moghtija mill-Awtorita u ppublikata fil- 11 ta' Awissu 2021, il-permess ta' l-applikant gie dismissed.

Bid-dovut rispett, l-appellanti ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annessi:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi l-Awtorita naqset li tikkunsidra fatti materjali u cirkostanzi partikolari tas-sit mertu tal-kaz odjern b' mod korrett.

1.2 Illi t-terminu ta' l-istess permess kien validu sas-sena 2025, u certament li l-applikant, anke tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, kellu jinghata terminu itwal sabiex jikkonkludi dak minnu mitlub, izjed u izjed meta dak minnu mitlub ma huwiex dipendenti unikament fuq l-istess applikant.

1.3 Illi certament li l-Awtorita kienet obbligata li tqis kull cirkostanza li jista jkollha effett fl-applikazzjoni de quo u tiddeciedi l-istess anke a bazi ta' tali konsidreazzjonijiet.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitlobu li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'dismissal mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkazzjoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita u jordna illi jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Elenku tax-xiedha:

1. Id-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex jixhed fuq il-posizzjoni tad-Direttorat u fatti ohra.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**